MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2008

Citazzjoni Numru. 1221/2001/1

**Joseph M. Vella u JM Limited.**

**vs**

**Vella Brothers Limited u Emmanuel Vella & Sons Limited, kif ukoll Express Trailers Limited ghal kull interess li jista' jkollha.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 10 ta' Lulju 2001 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph R. Micallef fejn gie premess:-

Illi l-kumpanija konvenuta Express Trailers Limited li ggib in-numru ta' registrazzjoni C4278 u ghandha ufficcju

registrat Velbro House, Luqa Road, Qormi, ghandha kapital azzjonarju ta' hamsa u sebghin elf (75,000) azzjoni tal-valur normali ta' lira-il wahda (Lm1) li huma mhallsa in kwantu ghal sebghin fil-mija (70%) u li jappartjenu in kwantu ghal erbgha u sebghin elf u disa' mija u disgha u disghin (74,999) azzjoni lill-kumpanija konvenuta Vella Brothers Limited u in kwantu ghal azzjoni wahda (1) tal-valur normali ta' lira (Lm1) lill-attur Joseph M. Vella;

Illi l-kumpanija konvenuta Vella Brothers Limited li ggib in-numru ta' registrazzjoni C7368 u ghandha ufficcju registrat Velbro House, Luqa Road, Qormi, ghandha kapital azzjonarju ta' elf u sitt mitt (1,600) azzjoni tal-valur normali ta' ghaxar liri-il wahda (Lm10) li huma mhallsa in kwantu ghal hamsa u sebghin fil-mija (75%) u li huma maqsuma ugwalment bejn l-attur Joseph M. Vella, Sebastian Vella, Nazzareno Vella u Frans Vella u ghaldaqstant l-attur Joseph M. Vella ghandu mitejn (200) azzjoni tal-valur normali ta' ghaxar liri-il wahda (Lm10) li huma mhallsa in kwantu ghal hamsa u sebghin fil-mija (75%);

Illi l-kumpanija konvenuta Emmanuel Vella & Sons Limited li ggib in-numru ta' registrazzjoni C17485 u ghandha ufficcju registrat Velbro House, Luqa Road, Qormi, ghandha kapital azzjonarju ta' hamsin elf (50,000) azzjoni tal-valur nominali ta' lira-il wahda (Lm1) li huma mhallsa in kwantu ghal ghoxrin fil-mija (20%) u li huma maqsumin fi tmien klassijiet konsistenti f'sitt elef u mitejn u hamsin (6,250) azzjoni f'kull klassi liema klassijiet jappartjenu rispettivament lill-kumpanija attrici JM Limited (liema kumpanija tappartjeni lill-attur Joseph M. Vella) u lill-kumpaniji SD Vella Co. Limited, Young Investments Limited, Manoran Limited, Romaro Limited, Modorate Limited, Contrast Limited u Mani Limited li huma kumpaniji li jappartjenu rispettivament lis-sebat ahwa tal-attur fuq imsemmija u ghaldaqstant il-kumpanija attrici J.M. Limited ghandha sitt elef u mitejn u hamsin (6,250) azzjoni tal-klassi "E" tal-valur nominali ta' lira-il wahda (Lm1) li huma mhallsa in kwantu ghal ghoxrin fil-mija (20%).

Illi ntlahaq ftehim ta' riorganizzazzjoni ghar-rigward il-kumpaniji fuq imsemmija u l-assi taghhom, liema ftehim gie appruvat permezz ta' risoluzzjoni mghoddija f'laqgha generali straordinarja sew tal-kumpanija konvenuta Vella Brothers Limited kif ukoll tal-kumpanija konvenuta Emmanuel Vella & Sons Limited fl-10 ta' Gunju 1998 (kopja annessa bhala Dokument "A"), li permezz tieghu *inter alia* l-kumpanija konvenuta Vella Brothers Limited obbligat ruhha li tittrasferixxi l-azzjonijiet kollha taghha fil-kumpanija konvenuta Express Trailers Limited lill-attur Joseph M. Vella u lil huh Frans Vella biex il-kapital azzjonarju *intier* f'Express Trailers Limited jigi jappartjeni lill-imsemmija esponenti Joseph M. Vella u Frans Vella ugwalment bejniethom. Ghaldaqstant il-kumpanija konvenuta Vella Brothers Limited hija obbligata li tittrasferixxi lill-kumpanija lill-attur Joseph M. Vella sebgha u tletin elf u erba' mija u disgha disghin (37,499) azzjoni fil-kumpanija konvenuta Express Trailers Limited li flimkien mal-azzjoni li diga` tappartjeni lill-kumpanija attrici JM Limited (li, kif intqal fuq hija kumpanija li tappartjeni lill-attur Joseph M. Vella) jikkostittwixxu hamsin fil-mija (50%) tal-kapital azzjonarju tal-kumpanija Express Trailers Limited;

Illi skond l-istess ftehim, gie miftihem ukoll li l-attur Joseph M. Vella u l-kumpanija tieghu attrici JM Limited u Frans Vella u l-kumpanija tieghu Mani Limited ghandhom jittrasferixxu l-azzjonijiet kollha taghhom rispettivi fil-kumpaniji konvenuti Vella Brothers Limited u Emmanuel Vella & Sons Limited lil dawn iz-zewg kumpaniji konvenuti jew min minnhom u/jew lill-kumpaniji u/jew persuni ohra ndikati mill-istess kumpaniji konvenuti Vella Brothers Limited u Emmanuel Vella & Sons Limited; u li l-azzjonijiet kollha li jappartjenu lill-kumpanija konvenuta Express Trailers Limited fil-kumpanija Eyre Travel Limited li jammontaw ghal tliet elef u hames mitt (3,500) azzjoni tal-valur nominali ta' lira-il wahda (Lm1) li huma mhallsin kollha ghandhom ukoll jigu trasferiti lill-kumpaniji konvenuti Vella Brothers Limtied u/jew Emmanuel Vella & Sons Limited u/jew lill-kumpaniji u/jew persuni ohra ndikati mill-istess kumpaniji konvenuti Vella Brothers Limited u Emmanuel Vella & Sons Limited; u li l-attur Joseph M.

Vella u Frans Vella jhallsu lill-kumpanija konvenuta Vella Brothers Limited u/jew kumpaniji u persuni ohra indikati mill-istess Vella Brothers Limited is-somma ta' miljun u mitejn u hamsin elf liri Maltin (Lm1,250,000) u cioe` sitt mija u hamsa u ghoxrin elf liri Maltin (Lm625,000) da parti tal-attur Joseph M. Vella tul perijodu ta' zmien b' imghax ta' sitta fil-mija (6%) u f' dan il-kuntest giet mifthema cedola ta' pagamenti (kopja annessa bhala Dokument "B");

Illi l-ftehim fuq imsemmi beda jigi implementat, attwat u ezegwit mill-partijiet kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza tant illi saru diversi arrangamenti dwar l-operazzjonijiet u t-tmexxija tal-kumpaniji fuq imsemmija, trasferiment ta' immobbli u thallsu wkoll tliet pagamenti elenkati fic-cedola ta' pagamenti fuq imsemmija (Dokument "B") u cioe` l-ewwel pagment ta' tliet mitt elf lira (Lm300,000) bhala kapital li sar f'April 1999 (Dokumenti "C" u "D"), it-tieni pagament ta' mija u tlieta u ghoxrin elf u mitejn u hamsa u sittin lira (Lm123,265) li sar f'Awwissu 1999 (Dokument "E") in kwantu ghal hamsa u disghin elf lira (Lm95,000) kapital u tmienja u ghoxrin elf mitejn u hamsa u sittin lira (Lm28,265) imghax u t-tielet pagament ta' mija u ghoxrin elf u seba' mija u disghin lira (Lm120,790) li sar f'Dicembru 1999 (Dokument "F") in kwantu ghal hamsa u disghin elf lira (Lm95,000) kapital u hamsa u ghoxrin elf u seba' mija u disghin lira (Lm25,790) imghax u, ghaldqastant, il-bilanc li fadal mis-somma mifhema dovuta mill-attur Joseph M. Vella hija ta' tliet mija u tmenin elf lira (Lm380,000) u l-imghax relattiv;

Illi, *nonostante* li l-ftehim fuq imsemmija diga` beda jigi implementat, attwat u ezegwit, il-konvenuti issa qed jirrifjutaw li jottemperaw ruhhom mal-ftehim fuq imsemmija u dan minghajr raguni valida skont il-ligi;

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lis-socjetajiet konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tikkundannahom jew min minnhom biex fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat minn din l-Qorti jottemperaw ruhom mal-ftehim fuq imsemmi billi: -

(a). Il-kumpanija konvenuta Vella Brothers Limited tittrasferixxi lill-atturi Joseph M. Vella sebgha u tletin elf u erbgha mija u disgha disghin (37,499) azzjoni ta’ lira-il wahda (Lm1) li huma mhallsa in kwantu ghal sebghin fil-mija (70%) fil-kumpanija konvenuta Express Trailers Limited li ggib in-numru ta’ registrazzjoni C4278 biex flimkien mal-azzjoni li diga’ tappartjeni lill-kumpanija attrici JM Limited (li, kif intqal fuq hija kumpanija li tappartjeni lill-attur Joseph M. Vella) jikkostitwixxu hamsin fil-mija (50%) tal-kapital azzjonarju tal-kumpanija Express Trailers Limited.

(b) Il-kumpaniji konvenuti Vella Brothers Limited u Emmanuel Vella & Sons Limited jew min minnhom u/jew persuni ndikati mill-imsemmija kumpaniji konvenuti jakkwistaw minn ghand l-attur Joseph M. Vella l-azzjonijiet kollha li ghandu fil-kumpanija konvenuta Vella Brothers Limited li ggib in-numru ta’ registrazzjoni C7368 konsistenti f’mitejn (200) azzjoni ta’ ghaxar liri-il wahda (Lm10) li huma mhallsa in kwantu ghal hamsa u sebghin fil-mija (75%);

(c) Il-kumpaniji konvenuti Vella Brothers Limited u Emmanuel Vella & Sons Limited jew min minnhom u/jew kumpaniji u/jew persuni ohra ndikati mill-imsemmija kumpaniji konvenuti jakkwistaw minn ghand l-kumpanija attrici J.M. Limited l-azzjonijiet kollha li ghandha fil-kumpanija konvenuta Emmanuel Vella & Sons Limited li ggib in-numru ta’ registrazzjoni C17485 konsistenti f’sitt elef u mitejn u hamsin (6,250) azzjoni ta’ lira-il wahda (Lm1) ta’ klassi “E” li huma mhallsa in kwantu ghal ghoxrin fil-mija (20%);

(d) Il-kumpaniji konvenuti Vella Brothers Limited u Emmanuel Vella & Sons Limited jew min minnhom u/jew kumpaniji u/jew persuni ohra ndikati mill-imsemmija kumpaniji konvenuti jakkwistaw minn ghand l-kumpanija konvenuta Express Trailers Limited l-azzjonijiet kollha li jappartjenu lill-kumpanija konvenuta Express Trailers Limited fil-kumpanija Eyre Travel Limited li jammontaw

ghal tliet elef u hames mitt (3,500) azzjoni tal-valur nominali ta’ lira-il wahda (Lm1) li huma mhallsin kollha;

(e) Il-kumpaniji konvenuti Vella Brothers Limited u Emmanuel Vella & Sons Limited jew min minnhom u/jew kumpaniji u/jew persuni ohra ndikati mill-imsemmija kumpaniji konvenuti jircievu minghand l-attur Joseph M. Vella s-somma ta’ tliet mija u tmenin elf lira (Lm380,000) u l-imghax relattiv skond ic-cedola ta’ pagamenti mifthiema annessa bhala Dokument “B” bhala bilanc li fadal mis-somma mifthiema fuq imsemmija dovuta mill-attur Joseph M. Vella.

2. Tikundannahom jew min minnhom biex fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat minn din il-Qorti jaghmlu dak kollu li hu necessarju skond il-ligi, partikolarment l-Att ta’ l-1995 dwar il-Kumpaniji u l-Att ta’ l-1993 dwar Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, biex jitwettqu u jigu ezegwiti l-operazzjonijiet, trasferiment u akkwist imsemmija fl-ewwel talba u principalment li jaddivjenu biex isir u jigi ezegwit id-dokument regolari ta’ trasferiment; li jigi assigurat li tithallas kwalunkwe taxxa relattiva ghall-operazzjonijiet, trasferiment u akkwisti msemmija; li jigu registrati, fuq ir-registri tal-membri, it-trasferiment u akkwisti msemmija; li jinhargu u jigu kkonsenjati c-certifikati ta’ l-azzjonijiet relattivi ghat-trasferiment u akkwisti msemmija; u li jigu kkonsenjati lir-Registratur tal-Kumpanija ghar-registrazzjoni l-avvizi tat-trasferimenti relattivi;

3. Tiffissa jum hin u lok biex isir dak kollu li hu necessarju skont il-ligi partikolarment l-Att ta’ l-1995 dwar il-Kumpaniji u l-Att tal-1993 dwar Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti biex jitwettqu u jigu ezegwiti l-operazzjonijiet, trasferiment u akkwisti kif imsemmi fl-ewwel u t-tieni talba u principalment biex isir u jigi ezegwit id-dokument regolari ta’ trasferiment; li jigi assigurat li tithallas kwalunkwe taxxa relattiva ghall-operazzjonijiet, trasferiment u akkwisti msemmija; li jigu registrati fuq ir-registri tal-membri t-trasferiment u akkwisti msemmija; li jinhargu u jigu kkonsenjati c-certifikati ta’ l-azzjonijiet relattivi ghat-trasferiment u akkwisti msemmija; u li jigu

kkonsenjati lir-Registratur tal-Kumpaniji ghar-registrazzjoni l-avvizi tat-trasferimenti relattivi;

4. Tinnomina kuraturi biex jirrapprezentaw lill-eventwalita` konvenuti kontumaci;

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-protest gudizzjarju tal-5 ta’ Frar 2001 kontra l-kumpaniji konvenuti li r-rapprezentanti taghhom huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni u b’rizerva ta’ kwalunkwe azzjoni ohra spettanti lill-atturi.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ Joseph M. Vella u JM Limited a fol. 5 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti flimkien mal-lista tax-xhieda a fol. 8 sa 20 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif hekk presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph R. Micallef ghas-seduta tal-20 ta’ Novembru 2001.

Rat li s-socjetajiet konvenuti gew notifikati bic-citazzjoni u bl-avviz ta’ smigh kif jidher *a tergo* ta’ fol. 22, a fol. 23 u 24 tal-process.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjetajiet konvenuti Vella Brothers Limited, Emmanuel Vella & Sons Limited u Express Trailers Limited datata 5 ta’ Ottubru 2001 a fol. 26 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi la jezisti u lanqas qatt ezista l-ebda ftehim bejn is-socjetajiet konvenuti u l-atturi kif allegat fic-citazzjoni;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, *dato ma non concesso* li kien hemm xi forma ta’ ftehim, dak il-ftehim seta’ kien biss forma ta’ konvenju li (a) la kien jikkontempla dak premess fic-citazzjoni attrici u, (b) li, fi kwalunkwe kaz, skada u huwa minghajr ebda effett;

3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, *dato ma non concesso* li kien hemm xi forma ta’ ftehim, dak il-

ftehim ma kienx jiswa' u/jew ma jiswiex u/jew mhux ezegwibbli *stante* li ma jezistux l-elementi necessarji ghall-validita' tieghu;

4. Illi, miinghajr pregudizzju ghas-suespost, *dato ma non concesso* li kien hemm xi forma ta' ftehim, l-atturi mhumiex intitolati li jghazlu, kif pretiz fic-citazzjoni, li jottjenu l-ezekuzzjoni *in parte* biss;

5. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, *dato ma non concesso* li kien hemm xi forma ta' ftehim, dan ma jistax jigi ezegwit kontra whud mill-partijiet biss;

6. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, *dato ma non concesso* li kien hemm xi forma ta' ftehim, is-socjetajiet konvenuti u partikolarment Vella Brothers Limited u Emmanuel Vella & Sons Limited ma obbligawx ruhhom u lanqas qatt setghu jobbligaw ruhhom illi jixtru u jakkwistaw l-azzjonijiet taghhom stess kif allegat fic-citazzjoni *stante* li dan huwa projbit mill-Att dwar il-Kumpaniji (**Kap. 368 tal-Ligijiet ta' Malta**), u ghalhekk, anki kieku kien jezisti tali obbligu da parti tas-socjetajiet konvenuti, dak l-obbligu mhux esegwibbli minhabba din l-projbizzjoni;

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ghar-ragunijiet premessi, jew liema minnhom, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi li huma sa minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjetajiet konvenuti a fol. 28 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 32 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph R. Micallef.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2006 giet nnominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli sabiex tisma' x-xhieda li kien fadal.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-atturi datata 20 ta' Marzu 2007 a fol. 761 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti kollha datata 20 ta' April 2007 a fol. 784 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli, ix-xhieda kollha quddiemha prodotta u d-dokumenti prezentati.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti inkluza dik tas-seduta tal-11 ta' Dicembru 2007 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet, Dr. Richard Camilleri ghall-atturi tratta l-kaz u l-kawza giet differita ghad-29 ta' Jannar 2008 biex issir it-trattazzjoni *da parte* ta' Dr. Degabriele; tas-seduta tad-29 ta' Jannar 2008; u tas-17 ta' April 2008 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet u Dr. Louis De Gabriele tratta l-kaz ghall-konvenuti u wara li d-difensuri tal-partijiet trattaw verbalment il-kaz il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Novembru 2008.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat ir-rikorsi kollha pprezentati mill-partijiet.

Rat id-digrieti kollha moghtija mill-Qorti.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din il-kawza tirrigwarda l-allegata ezistenza jew le ta' ftehim indikat fic-citazzjoni attrici u l-esekuzzjoni tal-istess, liema ftehim jinvolvi n-negozji li ghandhom bejniethom it-tmint ahwa Vella, tramite kumpaniji li fihom huma personalment jew permezz tas-socjetajiet taghhom huma ghandhom ishma, u tali allegat ftehim jittratta dwar il-qsim tal-istess n-negozju permezz ta' trasferiment ta' ishma fl-istess kumpaniji *inter alia* lill-attur u lis-socjeta' attrici, u t-trasferiment minn naha tieghu ta' ishma ohra f'kumpanija fejn huwa jew is-socjeta' attrici ghandhom sehem lill-hutu jew kumpaniji indikati minnhom.

Illi in essenza f'din il-kawza l-atturi (Joseph M. Vella u J.M Limited) qeghdin isostnu illi sehh ftehim a bazi ta' liema l-attur Joseph Vella flimkien u huh Frans Vella kellhom jiehdu l-ishma kollha ta' Express Trailers Limited, li hlief ghal sehem wiehed, li kienu jappartjenu lis-socjeta` Vella Brothers Limited. A bazi ta' dan il-ftehim, l-atturi jsostnu illi gie wkoll miftiehem illi is-sitt ahwa l-ohra jzommu l-ishma kollha fis-socjeta' Vella Brothers Limited u Emmanuel Vella & Sons Limited billi l-attur u l-kumpanija tieghu J.M. Limited kif wkoll huh Frans Vella u l-kumpanija tieghu Mani Limited jittrasferixxu l-azzjonijiet kollha taghhom rispettivi fil-kumpanija konvenuti Vella Brothers Limited u Emmanuel Vella & Sons Limited liz-zewg kumpaniji konvenuti. A bazi ta' dan il-ftehim, l-atturi jsostnu illi l-attur Joseph Vella u Frans Vella kellhom ihallsu lill-kumpanija konvenuti Vella Brothers Limited is-somma ta' LM1,250,000 bejniethom f'partijiet ugwali fuq perjodu ta' zmien b'imghax ta' sitta fil-mija (6%) u dan skond ic-cedola ta' pagamenti ezebita u mmarkata bhala Dok. "B" (fol.16). L-atturi wkoll isostnu illi permezz ta' dan il-ftehim kellha tigi trasferita l-*yard* f'Hal-Farrug mis-socjeta` Express Trailers Limited ghal fuq Vella Brothers Limited. Gie miftiehem wkoll illi is-socjeta` Express Trailers Limited tibqa' tuza xi ufficini, mhazen u spazju fil-*yard* b'kera minghand Vella Brothers Limited filwaqt illi Express

Trailers Limited tibqa' tuza s-servizzi ta' Emmanuel Vella & Sons b'tariffi godda mifthiema bejn is-socjeta` Express Trailers u Emmanuel Vella & Sons Limited. Gie miftiehem wkoll skond l-atturi illi l-ishma ta' Eyre Travel Limited jigu trasferiti lil Vella Brothers Limited.

Illi da parti taghhom, il-konvenuti qed principarjament jikkontendu illi ftehim qatt ma sehh bejn il-partijiet fil-kawza odjerna ghalkemm il-konvenuti jirrikonoxxu illi fil-fatt bejn l-ahwa kien hemm negozjati ghaddejjin sa mill-1995 sabiex isehh il-qsim fin-negozju tal-familja Vella, pero' jallegaw li dawn qatt ma gew iffinalizzati u konkluzi. L-argument principali tal-konvenuti huwa illi l-abbozz illi kien gie preparat u emendat diversi drabi sabiex jigi eventwalment maqsum in-negozju Vella, qatt ma gie ffirmat. Ghalhekk huma jsostnu illi ma hemm l-ebda ftehim li jorbot u di konsegwenza ma hemm xejn li ghandu jigi infurzat.

Illi fil-kawza odjerna ghalhekk jirrizulta li fl-ewwel lok ghandu jigi deciz jekk verament jezistix ftehim kif allegat mill-atturi, u dan meta dan l-allegat ftehim ma huwiex redatt in iskritt, tant li ma giet prodotta l-ebda kitba fis-sens allegat mill-atturi u jidher li dan huwa pacifiku bejn il-partijiet. Fil-fatt dan huwa rikonoxxut mill-atturi stess tant li jidher li qed jikkoncedu li ma hemm l-ebda skrittura iffirmata bejn il-partijiet li kellhom jesegwu l-istess ftehim li tistipula dak li qed jigi mitlub fic-citazzjoni attrici u l-pretensjoni taghhom hija bbazata fuq dawk li huma indikaw fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom bhala "*il-fatti, ic-cirkostanzi, id-dokumenti kif ukoll il-kondotta u l-agir tal-persuni involuti…"*(ara n-nota ta' Sottomissjonijiet a fol. 763).

Illi ma hemm l-ebda dubju li jista' jsir ftehim li jorbot li jkun ntlahaq verbalment u dan minghajr il-htiega tal-forma skritta, u dan jorbot meta l-htiega ta' forma skritta jew kuntratt pubbliku ma humiex mehtiega *ad validitam.*

Illi fil-kaz fejn ftehim verbali jitqies li huwa wiehed vinkolanti u permess mill-ligi bhala tali dan jista' u ghandu jigi ppruvat permezz provi u xhieda u wkoll cirkostanzi li jikkonfermaw u jsostnu l-ezistenza ta' tali ftehim allegat u

dan kollox kif jirrizulta mill-**artikolu 1232 (1) tal-Kodici Civili** li jipprovdi li:-

*"Meta mhux mehtieg mill-ligi li l-obbligazzjoni jew it-tmien taghha jidhru minn att pubbliku jew minn kitba privata, il-prova ta' l-obbligazzjoni jew tat-tmien taghha tista' ssir b'xhieda jew b'mezzi ohra maghrufin mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili".*

Illi la darba huma l-atturi li qed jallegaw l-ezistenza ta' tali ftehim huwa oneru taghhom li dan jippruvawh u fin-nuqqas ta' skrittura dan jista' jsir permezz ta' kull mezz ta' provi possibbli li tista' twassal ghall konvinciment morali li hemm tali ftehim kif allegat mil-atturi.

Illi jirrizulta li l-atturi qed jallegaw li hemm prova tal-istess ftehim fuq is-segwenti konsiderazzjonijiet u cjoe':-

(i) Illi kien hemm resoluzzjoni straordinarja approvata f'laqgha straordinarja tal-kumpaniji konvenuti Vella Brothers Limited u Emmanuel Vella & Sons Limited datata 10 ta' Gunju 1998 (fol. 12) li tikkontempla tali negozju li kien jinkludi l-proposta ghar-ri-organizzazzjoni tal-kumpaniji, proposta illi ghaddiet b'sitt voti favur u zewg astensjonijiet tal-azzjonisti presenti. Dan il-fatt u cioe` it-tehid ta' risoluzzjoni straordinarja taz-zewgt kumpaniji konvenuti, skond l-atturi huwa prova ta' ftehim illi sehh bejn il-partijiet;

(ii) Illi b'zieda ma' dan, l-atturi jsostnu illi kien hemm fatti ohra illi jkomplu juru illi l-ahwa Vella ftiehmu sabiex isehh il-qsim tan-negozju taghhom, fatti illi skond huma juru illi mhux talli kien hemm ftehim imma illi sahansitra kien qieghed jigi implimentat fost dawn isemmu:-

(a) is-somma miftiehma bejn il-partijiet u cioe` dik ta' LM1,250,000 li l-attur u huh Frans Vella kellhom ihallsu skond il-ftehim b'referenza partikolari ghall-pagamenti illi kienu qeghdin jigu effettwati mill-attur Joseph Vella u minn huh Frans Vella skond *schedule* (Dok. "B" a fol. 16) li kienet giet miftiehma bejniethom. Fil-fatt l-attur u huh Frans Vella kienu ghamlu tliet pagamenti ammontanti ghas-somma sostanzjali ta' LM544,055 bejniethom. Huwa allegat illi tali pagamenti kienu qed isiru sabiex eventwalment issir il-qsim ta' Vella Group, u l-hlas ta' tali somom jirrizulta minn ricevuti esebiti bhala Dok. "C" sa "E" (fol. 17 sa 19) u mix-xhieda prodotta fosthom dik ta' Jonathan Vella illi stqarr illi tali pagamenti kienu qed isiru

bhala parti mill-ftehim li kienu qed jaghmlu l-ahwa bejniethom (a fol. 344).
Illi din il-Qorti thoss li effettivament tal-pagamenti saru b'konsegwenza tal-istess rizoluzzjoni msemmija li kellu jwassal sabiex in-negozju bejn l-ahwa jinqasam bil-mod kif propost, u f'dan il-kuntest l-allegazzjoni *da parte* tal-konvenuti illi dawn il-pagamenti bdew b'xi mod isiru unikament bhala sinjal ta' *buona volonta* ma hijiex qed tigi accettata ghaliex ma hijiex verosimili.
(b) Il-fatt iehor illi jkompli jsostni t-tezi ta' l-atturi illi effettivament kien hemm ftehim bejn il-partijiet huwa t-trasferiment tal-*yard* f'Hal Farrug mis-socjeta` Express Trailers Limited ghal fuq Vella Brothers Limited. Jirrizulta illi dan it-trasferiment sehh proprju minhabba ri-organizzazzjoni tan-negozju, hekk anke kif jirrizulta mill-ittra ta' Dr. Raphael Fenech Adami lill-Kummissarju ta' l-Artijiet ta' l-20 ta Novembru 1998 (Dok. "RC3" a fol. 213).
(c) Illi l-atturi jkomplu jzidu fatti ohra bhala indikattivi ta' l-ezistenza tal-ftehim fosthom illi l-ftehim illi sehh bejn Emmanuel Vella & Sons Limited u Express Trailers Limited fuq tariffi godda ta' *"haulage"*. F'dan il-kuntest din il-Qorti tinnota li dawn it-tariffi gew stabiliti wara li giet approvata r-risoluzzjoni msemmija, izda f'dan is-sens, din il-Qorti tinsab konvinta illi dawn it-tariffi godda gew fil-fatt stabbiliti in linja ma' l-eventwali qsim tan-negozju. Pero`, din il-Qorti ma taqbilx ma' l-affermazzjoni ta' l-atturi kontenuta fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom (a fol. 771) fejn jinghad illi dan sehh ghax il-partijiet kienu jafu illi huma marbutin mal-ftehim fejn kien ser isir it-trasferiment ta' l-ishma u dan ghaliex ma giex ippruvat li dan il-pass sehh specifikatament ghax il-partijiet kienu b'xi mod qed ihossu ruhhom obbligati li josservaw xi ftehim. Anzi mill-provi prodotti jirrizulta li dan is-serje ta' tibdiliet bhal dawn imsemmija hawn fuq saru mhux ghax l-ahwa Vella kienu qed ihossuhom marbuta illi jaghmluhom a bazi ta' xi ftehim izda bil-hsieb ta' eventwalment isehh il-qasma tan-negozju. Dan il-hsieb japplika wkoll ghac-caqliq illi beda jsir fl-amministrazzjoni tal-kumpaniji Vella.

Illi l-atturi jsostnu illi l-fatti hawn elenkati jikkostitwixxu prova ta' ftehim. Isostnu illi tali ftehim huwa validu, minkejja illi ma tnizzilx bil-miktub. Jargumentaw illi l-ligi ma

tezigix illi ftehim bhal dan jiehu l-forma skritta *ad validitatem* u dan anke ghax ma jinkwadrax fl-ebda wahda mis-subincizi ta' l-**Artikolu 1233 tal-Kap. 16** tal-Ligijiet ta' Malta fejn huma elenkati dawk ix-xorta ta' ftehim li jirrikjedu l-forma skritta u b'riferenza ghall-eccezzjoni tal-konvenuti, illi weghda ta' bejgh ta' ishma ma hijiex elenkata fl-**artikolu 1233**.

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti dan l-argument ma jiehux kunsiderazzjoni tal-fatt illi wara tali rizoluzzjoni li l-atturi qed jikkunsidraw bhala weghda ta' bejgh ta' ishma (jekk kemm-il darba dan l-arrangament ghandu jissejjah hekk), gie segwit b'serje ta' negozjati li damu sejrin snin dwar kif effettivament kien ser isehh il-qsim tal-kumpaniji Vella, liema negozjati kienu intizi specifikament sabiex finalment jigi iffirmat ftehim bil-miktub f'dan is-sens.

Illi f'dan l-isfond, isir referenza ghall-**artikolu 114 tal-Kodici Kummercjali (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta)** illi jipprovdi s-segwenti:-

*"Jekk il-partijiet ikunu ftiehmu li l-ftehim bil-fomm ghandu jitnizzel bil-miktub, hu prezunt li huma riedu jassoggettaw il-validita` tieghu ghat-tharis ta' dik il-formalita`."*

Illi dan l-artikolu johloq prezunzjoni *juris et de jure* illi l-ftehim ma huwiex konkluz sakemm dan il-ftehim ma jitnizzilx fil-forma skritta. Illi fil-kaz in ezami, jirrizulta car mill-provi mressqa illi l-ahwa Vella riedu u li l-ftehim ta' dak kollu li kellu jsehh sabiex issir l-qsim tal-istess negozju kellu jsir bil-miktub u kellhu jigi iffirmat bejn l-azzjonijisti kollha tal-istess socjetajiet involuti fl-istess negozju tal-ahwa Vella, liema azzjonijisti jinkludu kemm l-ahwa Vella personalment u s-socjatijiet kollha taghhom li kellhom ishma fl-istess socjetajiet li ishma taghhom kellhom jigu trasferiti lill wiehed jew l-iehor mill-ahwa. F'dan il-kaz, gie ppruvat biss li ghaddew risoluzzjonijiet mis-socjetajiet Vella Brothers Limited u Emmanuel Vella & Sons Limited illi jipprovdu li l-Express Trailers Limited issir kollha ta' l-attur u ta' huh Frans Vella filwaqt illi z-zewg kumpaniji l-ohra u cioe` Emmanuel Vella & Sons Limited u Vella Brothers Limited isiru ta' sitt ahwa l-ohra, u

wkoll diversi proposti ohra, kif jidher minn Dok. “A” (fol. 14), li kellhom jigu attwati, li finalment kellhom jigu redatt-fi ftehim bil-miktub, u din il-kitba, minkejja li saret diversi tentattivi u abbozzi kif kellha ssir qatt in verita’ ma giet iffirmata u dan kif jirrizulta minn diversi abbozzi li gew provduti wara l-approvazzjoni tal-istess proposta li huma esebiti man-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjetajiet konvenuti bhala Dok. “LdG 3A” sa Dok. “LdG3K” (fol. 36 sa fol. 179).

Illi mhux hekk biss izda wara l-istess rizoluzzjoni tas-socjetajiet indikati jirrizulta li f’korrispondenza, inkluza dik tal-attur stess Joseph M Vella b’ittra datata 9 ta’ Marzu 2000 (Dok. “LdG 1”) li tali risoluzzjoni kellha tigi sussegwentment redatta in iskritt u fil-fatt fl-istess ittra jinghad li:-

*“As to the re-organisation agreement of the Vella Brothers which is due to be signed today, 9th March 2000, is not being accepted by all the parties, I kindly request you to pay me back as soon as possible the money that I have already paid relative to the said agreement”.* Minhabba dan in-nuqqas li l-ftehim jigi redatt f’forma skritta mill-azzjonijisti tal-istess socjetajiet l-istess attur offra l-bejgh tal-ishma tieghu f’Vella Brothers Limited u Emmanuel Vella & Sons Limited u stenna risposta ghall-istess sal-31 ta’ Marzu 2000.

Illi f’ittra ohra datata 22 ta’ Gunju 1999 (Dok. “LdG 2” – fol. 35) l-istess ahwa Joseph M. Vella u Francis Vella qalu b’mod mill-iktar car, meta kienu qed jittrattaw dwar garanziji li kellhom jigu moghtija li dawn kellhom ikunu parti minn dak li huma sejhu bhala *“main agreement and therefore signed by all the individuals involved without any exception”* u fl-istess ittra jirreferu ghall-*draft agreement*. Mhux hekk biss izda jinghad espressament li ghalkemm saru pagamenti bhala depositu *“as per contract, ……the contract has not been signed”.*

Illi a bazi ta’ dan kollu din il-Qorti thoss li tali rizoluzzjoni tas-socjetajiet indikati kienet biss proposta li giet moghddija mill-istess socjetajiet u li din kienet tipprovdi

sabiex dak hemm propost kellu jigi attwalment redatt in iskritt bejn l-azzjonisti tal-istess socjetajiet, cjoe' l-ahwa Vella u s-socjetajiet rispettivi taghhom li kienu wkoll azzjonisti fis-socjatijiet li ghaddew l-istess rizoluzzjoni li huma wkoll partijiet fil-kawza u li jaghmlu parti mill-Vella Group, b'dan li ghall kull effett u buon fini tal-ligi, jidher car li l-proposta kienet tikkontempla li tali ftehim jigi redatt bil-miktub u mhux biss izda dan kellhu jigi hekk jigi redatt in iskritt mill-azzzjonijisti kollha tal-istess socjetajiet, li certament ma humiex il-partijiet f'din il-kawza.

Illi f'dan il-kuntest issir riferenza ghad-deczijoni **"Joseph J. Engerer et noe vs John Debono et"** (P.A. – 3 ta' Ottubru 2003) fejn b'referenza ghall-**artikolu 114 tal-Kap 12** hawn fuq citat inghad illi kif puntwalizzat fid-decizjoni fl-ismijiet "**Giuseppe Vella Gatt *et* –vs- Giuseppe Darmanin *et***", (Appell Kummercjali, 23 ta' Novembru 1956, Vol. XL P I p 572) l-artikolu suddett tal-Kodici tal-Kummerc *"johloq presunzjoni fis-sens illi meta ftehim verbali jsir bl-intiza li ghandu jigi redatt bil-miktub, u l-iskrittura imbaghad ma ssirx, il-ftehim mhux validu; ghax meta gie miftiehem illi l-ftehim verbali kellu jigi mnizzel bil-miktub, hu prezunt li l-partijiet riedu jassoggettaw il-validita` tal-ftehim ghat-tharis ta' dik il-formalita",* b'dan ghalhekk li *"qabel ma tigi iffirmata l-iskrittura ma jistax jinghad illi l-ftehim hu perfett"* ("**Neguzjant Joseph Stellini *nomine* –vs- Neguzjant Salvatore Debono**" Appell Kummercjali, 14 ta' Dicembru 1942, Vol. XXXI P I p 565).

Illi fl-istess decizjoni jinghad li skond it-taghlim awtorevoli tal-***Vivante*** u tal-hsieb ricerkat mid-dibattiti parlamentari (Vol. 21 tassena 1932 – 33), illi *"l-presunzjoni mhix juris tantum imma juris et de jure, u hija ntiza biex tipprevedi u tiddirimi l-kwestjonijiet fil-kummerc, u ghalhekk tipprevjeni l-kawzi, b'mod li dik il-presunzjoni ma tistax titwaqqa' bi provi testimonjali".*

Illi tal-istess portata hija is-sentenza aktar ricenti fl-ismijiet **"High Flyer Services Limited vs Josette u Raymond Leonardi"** (PA (RCP)– 28 ta' Frar 2002) fejn inghad li fejn jirrizulta car li bejn il-partijiet kien miftiehem li l-ftehim

kellu jigi redatt in iskritt, u b'hekk il-validita' tal-prezunt ftehim kienet suggetta li l-istess jigi redatt in iskritt, jekk din il-formalita` ma ssehhx, fis-sens li l-ebda skrittura ma tigi ffirmata, mela allura ma jistax jinghad li jezisti xi ftehim bejn il-partijiet kontraenti.

Illi b'zieda ma' dawn l-osservazzjonijiet, jinghad illi din il-formalita' ta' skrittura tirrikjedi illi gjaladaraba il-partijiet (jew f'dan il-kaz il-proposta moghddija b'rizoluzzjoni ta' socjeta' jew socjetajiet) ikunu  qablu illi jassoggettaw l-ezistenza u l-validita' tal-ftehim taghhom ghalija, hadd mill-kontraenti ma jista' jiskarta din il-formalita` hekk, minghajr ma jkun hemm att espress mill-partijiet kollha, jew minn kull naha,  illi huma ma humiex ser jassoggettaw il-validita` tal-ftehim taghhom ghalija, haga li assulutament ma rrizultatx fl-atti tal-kawza odjerna.

Illi fil-fatt fil-kaz hawn taht ezami, ma kien hemm xejn illi juri jew li jista' jwassal lil din il-Qorti ghall-fehma illi l-ahwa Vella u s-socjetajiet rispettivi taghhom ma kinux ser jirredigu  l-ftehim ta' bejniethom bil-miktub anzi l-provi kollha tal-ahwa Vella involuti fis-socjetajiet partijiet f'din il-kawza kollha juru u jiddikjaraw li tali proposta kellha tigi effettivament redatta fi ftehim bil-miktub tant li kif inghad gew ipprezentati diversi abbozzi ta' kif tali ftehim kellhu jigi redatt in iskritt, abbozzi jew *drafts* li qatt ma gew konkluzi u wisq inqas iffirmati mill-partijiet involuti u mehtiega sabiex jaghtu effett legali ghall tali trasferimenti proposti u kontemplati, tant li l-ebda ftehim  qatt ma gie iffirmat la mill-ahwa Vella u lanqas mis-socjetajiet rispettivi taghhom li ghandhom ishma fl-istess socjetajiet partijiet fil-kawza odjerna sabiex isir it-trasferiment tal-ishma fis-socjetajiet indikati li huma l-unika partijiet f'din il-kawza.

Illi ghalhekk din il-Qorti ma tistax tiskarta din il-formalita` sempliciment ghax il-partijiet ghazlu illi waqt in-negozjati u sakemm u qabel ma jigi iffirmat il-ftehim, huma jibdew jattwaw partijiet minnu. Hu kompletament erronju u zbaljat illi jinghad illi gjaladarba aspetti minn dan il-ftehim gew attwati, il-ftehim sehh u dan daqslikieku ma kienx hemm aktar il-htiega tal-forma skritta. L-implimentazzjoni ta' parti minn ftehim illi ghadu ma giex konkluz permezz tal-kitba,

ma ghandha bl-ebda mod titqies bhala mezz li bih il-partijiet jirrinunzaw ghal forma skritta, u lanqas in verita' ma saret sottomissjoni f'dan is-sens. Din il-Qorti hija tal-fehma illi meta l-partijiet jassoggettaw il-validita` tal-ftehim taghhom ghal din il-formalita`, din tissussisti sakemm il-partijiet b'att espress u inekwivoku ma jirrinunzjawx ghaliha. Fil-fatt fis-sentenza **"Francis Galea pro et nomine vs Raymond Attard"** (K. – 25 ta' Lulju 1989) inghad illi kwalunkwe negozju guridiku li huwa kundizzjonat ghall-formalita' bhal ma dik ma' jista' qatt jigi kkunsidrat perfezzjonat jekk ma segwiex dik il-formalita'.

Illi izda mill-provi jirrizulta li effettivament l-ahwa Vella kollha fehmu u qablu li din il-proposta kellha tigi redatta in iskritt tant li ghal dan l-iskop, gie nkarigat l-Avukat Dr. Stephen Attard, proprju sabiex jabbozza ftehim f'dan is-sens. Jirrizulta wkoll mill-provi illi minkejja illi saru diversi abbozzi, il-ftehim bil-miktub baqa' ma giex iffirmat. F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ma tistax tissorvola l-formalita` li l-azzjonisti u l-ahwa Vella intrabtu biha daqslikieku huma qatt ma ddeciedew illi jissottoponu rwiehhom ghalija. Huwa ghalhekk illi din il-Qorti ma tistax tiskarta din il-formalita` u tirrikonoxxi ftehim bejn dawk li kellhom ikunu l-kontraenti fl-istess ftehim minkejja dan in-nuqqas.

Illi din il-Qorti tkompli ssahhah il-fehma illi ma hemmx ftehim vinkolanti bejn il-partijiet illi huwa guridikament enforzabbli anke minhabba fatti u agir ta' l-attur stess illi jimmilittaw kontra l-ezistenza ta' ftehim. Ezempju car ta' dawn hija l-ittra ta' l-attur Joseph Vella u huh Frans Vella lil huthom datata is-17 ta' Ottubru 1998 fejn irreferew ghad-diskussjonijiet illi kienu ghaddejjin bejn l-ahwa liema diskussjonijiet huma ddeskrivew bhala dawk *"… illi ilhom ghaddejjin zmien bejnietna biex naslu ghal xi forma ta' ftehim rigward il-qsim tan-negozju taghna."* Fl-imsemmija ittra l-attur u huh infurmaw lil huthom illi ma kinux ghadhom interessati jixtru s-socjeta` Express Trailers Limited izda riedu sehemhom lura (ara fol. 358) u din il-Qorti tirreferi wkoll ghall dak li nghad aktar il-fuq fuq l-istess punt.

Illi prova ohra illi timmilita kontra t-tezi ta’ l-atturi u cioe` illi kien hemm ftehim huma r-ricevuti nnifishom tal-pagamenti illi kienu qed jivversaw l-attur Joseph Vella u huh Frans Vella. Jinghad fir-ricevuti illi l-pagament qieghed jigi versat *“… pending the signing of the agreement regarding the eventual exchange of shares in Express Trailers Limited, Emmanuel Vella & Sons Limited u Vella Brothers Limited”* (Dok. “C” u “D” - fol. 17 -18).

Illi t-tezi tal-atturi li l-ahwa Vella (iktar milli l-partijiet) kienu bdew jaghtu esekuzzjoni ghall-ftehim bl-ebda mod ma tfisser li b’hekk in-neccesita’ *ad validatem* li tali ftehim jigi redatt in iskritt tista’ tigi njorata u dan ghaliex meta jigi miftiehem li ftehim jigi redatt bil-miktub, huwa prezunt li l-partijiet riedu jassoggettaw il-validita’ tieghu ghat-tharis ta’ dik il-formalita’ **(“Giuseppe Vella Gatt vs Giuseppe Darmanin et”** (A.K. – 23 ta’ Novembru 1956) u dan iktar u iktar meta jirrizulta li kien hemm diversi punti x’jigu decizi, mhux lanqas kif tali proposta kellha tigi implimentata effettivament u legalment a beneficcju tal-partijiet kollha li kellhom ikunu parti mill-istes ftehim u cjoe’ l-ahwa Vella u s-socjetajiet taghhom rispettivi li kellhom l-ishma fis-socjetiajiet li ghaddew din ir-risoluzzjoni u s-socjeta’ l-ohra konvenuta f’din il-kawza. (**“Joseph Baldacchino et nomine vs Charlie Camilleri”** – A. C. – 5 ta’ Otturbru 1998)

Illi f’dan il-kuntest jinghad li l-istess skrittura kellha tigi ffirmata mhux mill-partijiet f’din il-kawza, izda kif gja accenat iktar il-fuq f’din is-sentenza, proprju mill-ahwa Vella kollha, u mis-socjetajiet rispettivi taghhom li ghandhom ishma fis-socjetajiet partijiet f’din il-kawza, u fil-fatt l-abbozzi kollha prezentati mix-xhieda f’din il-kawza kollha jindikaw li tali ftehim kellhu jigi ffirmat ukoll u fuq kollox mill-ahwa Vella u mis-socjetajiet li saret riferenza ghalihom f’din il-kawza, li huma elenkati wkoll fl-abbozz ta’ ftehim Dok. “LdG 3c” (fol. 60 sa 61), liema azzjonisti lanqas biss huma partijiet f’din il-kawza u dan wkoll iwassal sabiex it-talbiet attrici kif proposti jigu michuda minn din il-Qorti. Hawn issir riferenza ghall-abbozi kollha li hejja l-Avukat Dr. Stephen Attard flimkien mal-awditur Chetcuti Ganado sabiex jigi redatt in iskritt l-istess ftehim,

u f’kull wiehed minnhom hemm indikat li kien hemm bzonn il-firma ta’ kull wiehed mill-ahwa Vella (u tas-sieheb jew siehba taghhom fiz-zwieg) u tal-kumpaniji rispettivi taghhom u dan ma sarx ghall-iskop indikat fin-nota ta’ osservazzjonijiet tal-atturi *“biex isibu “the most fiscally efficient manner” biex isiru l-operazzjonijiet kontemplati fil-ftehim”* izda peress li ma’ setghax ikun hemm trasferiment ta’ ishma ta’ socjeta’ jekk l-azzjonista’ ma jaqbilx li jsir tali trasferiment. Il-kaz **“Doris Ellul et vs Francesco Camilleri”** (P.A. (TM) – 27 ta’ Gunju 2002) kien jittratta dwar il-punt jekk ftehim milhuq bejn l-azzjonisti tal-istess socjeta’ kienx ftehim tal-istess socjeta’ stess u la darba irrizulta lill Qorti li ma sarx xejn kontra l-*Memorandum of Articles* tal-istess socjeta’ u l-azzjonisti kollha kienu kollha qablu mal-istess ftehim, dan kien ftehim validu li jorbot lill-istess socjeta’ ghaliex tali ftehim setgha jigi kkunsidrat bhala att tal-istess socjeta’ u dan meta kien hemm ftehim bejn l-azzjonisti kollha tal-istess socjeta’.

Illi l-kaz odjern huwa ferm differenti peress li dak li kellhu jigi deciz kienx jekk tali rizoluzzjoni tas-socjetajiet indikati kienitx qed tikontempla li l-proposta li ghaddiet kellha tigi soggetta ghall-ftehim in inskritt bejn l-ahwa Vella u s-socjetajiet rispettivi taghhom bhala azzjonisti tas-socjetajiet li ghaddew l-istess rizoluzzjoni u tas-socjeta’ l-ohra parti f’din il-kawza, u fil-fatt jirrizulta mill-provi kollha prodotti li hekk kien il-kaz, u l-istess imsemmija skrittura baqghet ma sehhitx. Ma’ dan kien hemm il-punt ukoll li tali proposta kellha tigi segwieta bi ftehim li kellu jigi ffirmat mill-istess azzjonisti tal-istess socjetajiet, kemm l-ahwa Vella u kemm is-socjetajiet rispettivi taghhom, li lanqas huma parti f’din il-kawza.

Illi dan qed jinghad apparti l-fatt li kull trasferiment ta’ ishma ta’ socjeta’ ghandhu *ad validatem* jigi redatt in iskritt u dan kif provdut fl-**artikolu 43 (1) tal-Kap. 364** u wkoll l-**artikolu 118 tal-Kap 386** li jipprovdi li l-ebda kumpanija ma’ tista’ tiehu konjizzjoni ta’ jew tirregistra xi trasferiment ta’ ishma fiha kemm-il darba ma’ *“jkunx inghata lill-kumpanija document regolari ta’ trasferiment jew kopja awtenika tieghu”.* Dan ikompli jikkoferma li f’dan il-kaz ma hemm l-ebda dubju li tali proposta kif moghddija kellha tigi

redatta in iskritt mill-proprjetarji tal-istess ishma u peress li din ma kienitx xi procedura semplici, anzi wahda komplikata, li d-dettalji taghha kellhom jigu miftehma u maqbula, l-intiza kienet li tali ftehim kien soggett li l-istess jigi redatt in iskritt, haga li baqghet ma saritx mill-partijiet kontraenti kollha, inkluzi dawk li ma humiex lanqas inkluzi bhala partijiet f'din il-kawza.

Illi *in linea* sussidjarja, din il-Qorti izid is-segwenti osservazzjonijiet u dan a skans ta' kull dubbju illi seta' ezista ftehim bejn il-partijiet:

i) Ir-risoluzzjoni ta' l-10 ta' Gunju, 1998 tipprovdi illi s-socjetajiet involuti approvaw il-*proposal* annessa mar-risoluzzjoni (a fol. 14) u li din ir-risoluzzjoni kienet qed tigi mghoddija f'laqgha generali kemm tal-kumpanija Vella Brothers Limited kif ukoll tal-kumpanija Emmanuel Vella & Sons Limited. L-ahwa Vella u s-socjetajiet azzjonisti fl-istess socjetajiet kellhom wara jaslu huma ghall-ftehim in iskritt tal-proposta tal-istess socjetajiet u kien biss f'dan il-ftehim li kellu jigi konkluz li l-ahwa Vella kienu ser jidhru f'isimhom u f'isem it-tmien kumpaniji rispettivi taghhom u kien tali ftehim li kellu jaghti effett ghal qsim tal-Vella Group, liema ftehim kellu jsir allura mhux mill-partijiet f'din il-kawza.

ii) Illi fil-proposta Vella Bros. Limited kellha *inter alia* titrasferixxi l-ishma taghha fis-socjeta` Express Trailers Limited a favur ta' l-attur Joseph Vella u huh Frans Vella pero` ma jirrizulta minn imkien il-kwalita` illi fiha l-attur u huh kienu fiha f'dik il-laqgha. Ma jirrizultax lanqas illi huma kienu hemm in rapprezentanza tas-socjeta` illi kienet ser issir taghhom mija fil-mija u cioe` Express Trailers Limited. Lanqas ma jirrizulta illi kien hemm haddiehor in rapprezentanza ta' din is-socjeta`. Minn naha l-ohra JM Limited u Joseph M Vella u Frans Vella u s-socjeta' tieghu Mani Limited kellhom jittrasferixxu l-ishma taghhom f'Vella Brothers Limited u f'Emmanuel Vella & Sons Limited lill-istess zewgt kumpaniji jew min minnhom jew socjetajiet jew persuni ndikati minnhom u certament li f'dan il-kuntest ma huwa xejn car kif dan setgha jsir

b'risoluzzjoni taz-zewg socjetajiet konvenuti li qed jigu ndikati bhala akkwirenti jew possibbli akkwirenti tal-ishma stess tal-istess socjetajiet. Dan apparti li l-vesti li assummew l-ahwa f'din il-laqgha huma ghal kollox kunfliggenti fis-sens illi ma jirrizulta illi kien hemm l-ebda distinzjoni bejn min kien qieghed jidher ghal liema socjeta` u minn kien qed jixtri u min ibiegh u dan ghaliex kollox sar fil-kuntest ta' risoluzzjoni ta' socjeta' u mhux ta' ftehim bejn xi partijiet.

Illi dan qed jinghad anke fid-dawl tax-xhieda ta' l-attur Joseph Vella stess illi meta mistoqsi kienx qieghed jidher *qua* azzjonist, *qua* akkwirent jew f'xi vesti ohra, huwa ma kienx kapaci jwiegeb u fil-verita' lanqas setgha jaghti risposta minhabba d-diversitivita' tal-posizzjoni tieghu.

Ghalhekk ma huwa xejn car, jekk kemm-il darba, din il-*proposal* kellha titqies bhala ftehim, dan il-ftehim bejn minn kien qieghed isehh u lil min kien qieghed jorbot;

iii) Illi *in oltre*, ir-risoluzzjoni ta' l-10 ta' Gunju 1998 hija risoluzzjoni illi giet mghoddija f'laqgha straordinarja ta' zewg kumpaniji ta' l-ahwa Vella - Vella Brothers Limited u Emmanuel Vella & Sons Limited. Apparti din id-decizjoni interna f'dawn il-kumpaniji imsemmija, ma jirrizulta bl-ebda mod illi sar xi ftehim ma' kumpaniji jew persuni ohra. F'dan is-sens kull forma ta' ftehim kellu jigu attwat mill-azzjonijisti tal-istess socjetajiet li kellu iva jaffetwa l-istess kumpaniji, izda ma setghax jigi attwat mis-socjatijiet partijiet f'din il-kawza. F'dan il-kuntest ma jistax jinghad li kien hemm xi ftehim bejn l-atturi u s-socjetajiet konvenuti f'din il-kawza.

iv) Illi ghalkemm wahda mis-socjetajiet konvenuti hija Express Trailers Limited ma jirrizultax bl-ebda mod mill-provi prodotti illi l-kumpaniji Express Trailers Limited jew Eyre Travel Limited kienu b'xi mod intrabtu ma' dawn il-kumpaniji. Din il-Qorti tosserva illi minkejja dan, l-atturi impostaw wahda mit-talbiet taghhom proprju f'dan is-sens (ara talba fic-citazzjoni (1) (d)) u cioe` talba sabiex din il-Qorti tordna t-trasferiment ta' 3,500 sehem tas-socjeta`

Express Trailers Limited fil-kumpanija Eyre Travel Limited - kumpaniji illi huma ghal kollox estraneji ghar-risoluzzjoni ta’ l-10 ta’ Gunju 1998. M’hemmx dubju li r-rizoluzzjoni indikata bl-ebda mod ma torbot lis-socjeta’ Express Trailers Limited u ghaliha din ir-risoluzzjoni hija *res inter alios acta*; ghahekk bla pregudizzju ghal dak li gja inghad ma tistax tigi akkolta talba diretta ghal trasferiment ta’ ishma ta’ kumpaniji, meta tali kumpanija lanqas kienet involuta fl-indikata risoluzzjoni ma jidhirx li xi hadd kien qed jirraprezentaha u b’hekk ma jistax jinghad li hemm xi rabta kontrattwali maghha.

v) *In oltre*, b’zieda mal-osservazzjonijiet hawn maghmula, jehtieg illi jinghad illi t-talbiet attrici qeghdin imposti fis-sens illi jekk kemm-il darba din il-Qorti kellha tilqaghhom, is-socjetajiet konvenuti Vella Brothers Limtied u Emmanuel Vella & Sons Limited jigu ordnati jakkwistaw l-ishma appartenenti lilhom stess (ara talba (1) (b) u (1)(c) a fol. 3). F’dan is-sens issir referenza ghall-**artikolu 106 ta’ l-Att dwar il-Kumpaniji** illi tipprovdi s-segwenti:

*“Kumpanija tista’ takkwista xi azzjonijiet taghha stess, izda mhux b’sottoskrizzjoni, kemm-il darba jitharsu l-kundizzjonijiet kollha li gejjin –*

*(a) issir disposizzjoni bil-memorandum jew bl-istatut tal-kumpanija li tawtorizza lill-kumpanija li takkwista l-azzjonijiet taghha stess;*

*(b) tinghata awtorizzazzjoni b’rizoluzzjoni straordinarja, liema risoluzzjoni tistabbilixxi il-pattijiet u l-kundizzjonijiet ta’ dawk l-akkwisti u b’mod partikolari l-akbar numru ta’ azzjonijiet li jkun se jigu akkwistati, iz-zmien li ghalih tinghata awtorizzazzjoni u li ma jistax ikun izjed minn tmintax-il xahar u, fil-kaz ta’ akkwist b’kumpens ta’ valur, l-oghla u l-inqas kumpens;*

*(c) id-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 135 ghandhom japplikaw dwar ir-risoluzzjoni straordinarja msemmija fil-paragrafu (b) izda suggetti ghall-kundizzjoni li azzjonijiet*

*digà mizmuma mill-kumpanija nnifisha jitqiesu li ma jkollhomx jedd ghall-vot;*

*(d) il-valur nominali ta' l-azzjonijiet akkwistati, maghduda azzjonijiet li kienu akkwistati qabel mill-kumpanija u mizmumin minnha ma ghandux ikun izjed minn ghaxra fil-mija tal-kapital azzjonarju mahrug;*

*(e) ebda akkwisti minn kumpanija ta' l-azzjonijiet taggha stess ma jistghu jsiru meta fl-gheluq ta' l-ahhar perijodu tal-kontijiet annwali tal-kumpanija l-attiv nett kif jidher fil-kontijiet annwali tal-kumpanija jkun, jew wara dak it-tqassim ikun, inqas mill-ammont tal-kapital azzjonarju maghruf flimkien ma' dawk ir-rizervi li ma jistghux jitqassmu skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew skond il-memorandum jew l-istatut tal-kumpanija; u li f'ebda kumpanija ma tkun tista' takkwista l-azzjonijiet taghha stess hlief mid-dhul ta' hrug gdid ta' azzjonijiet li jsir specifikament ghal hekk, jew minn profitti li jkunu disponibbli ghat-tqassim;*

*(f) l-azzjonijiet akkwistati ghandhom ikunu azzjonijiet imhallsa ghal kollox; u*

*(g) kumpanija ma tistax minhabba l-akkwist ta' xi azzjonijiet taghha ssir id-detentur ewlieni ta' l-azzjonijiet ordinarji taghha."*

Illi dan l-artikolu jipprovdi serje ta' kundizzjonijiet illi ghandhom jigu osservati f'kaz illi socjeta` takkwista l-ishma taghha stess. Mill-provi imressqa ma jirrizulta li dawn il-kundizzjonijiet bl-ebda mod ma jezistu kif rikjest mill-ligi u ghaldaqstant anke ghalhekk din il-Qorti ma tistax takkolji t-talbiet attrici.

vi) Illi jigi nnutat ukoll li l-kawza odjerna saret biss mill-atturi Joseph M. Vella u JM Limited u dan meta t-trasferimenti kontemplati fir-risoluzzjoni tas-socjetajiet indikati tinkludi wkoll it-trasferiment ta' ishma lill Francis Vella, b'dan li jirrizulta li jekk l-atturi qed jitolbu li jigi esegwit xi ftehim li huma jallegaw li jezisti, qed issir fil-

verita' talba biss sabiex tigi esegwita parti mill-allegat ftehim, ghaliex dak li hemm fl-istess risoluzzjoni jinkorpora l-involviment ta' Francis Vella u s-socjeta' tieghu, li lanqas huma parti f'din il-kawza u ma hemm l-ebda riferenza sabiex dik il-parti tal-allegat ftehim li tinvolvi lil Francis Vella tigi b'hekk esegwita, b'dan li attwalment l-atturi qed jitolbu biss esekuzzjoni ta' parti mill-allegat ftehim minnhom vantat.

vii) Illi l-atturi jaghmlu referenza ghas-sentenza **"Joseph M Vella et vs Vella Brothers Limited et"** (A.C. – 9 ta' Marzu 2007) li giet deciza mill-Onorabbli Qorti tal-appell fejn l-istess Onorabbli Qorti agixxiet sabiex b'applikazzjoni tal-**artikolu 402 tal-Att XXV tal-1995** inibiet lill-intimati Vella Brothers Limited, Saviour Vella, George Vella, Paul Vella, Alfred Vella, Sebastian Vella, u Nazzareno Vella, u s-socjeta' Express Trailers Limited milli jaghmlu distribuzzjoni ta' kwalunkwe profitti, fondi jew flus appartenenti lis-socjeta' Express Trailers Limited sew jekk bhala dividends sew mod iehor, u dan sakemm tigi deciza l-kawza li r-rikorrenti fethu kontra *"whud mill-intimati"* sabiex jigi onorat il-ftehim li dahal fis-sehh fl-1 ta' Jannar 1999, u fejn jidher li t-talba giet milqugha fuq il-bazi li in principju kien hemm bazi ta' ftehim konsgewenti ghal-laqgha tal-10 ta' Gunju 1998, pero' dan kien kollu fuq bazi ta' *prima facie* kif jinghad fl-istess sentenza u sabiex jaghtu effett ghad-disposizzjonijiet tal-**artikolu 402** mitluba biex id-drittijiet tar-rikorrenti f'dawk il-proceduri ma' jigux pregudikati u dan sakemm jigi deciz l-ezistenza o meno tal-ftehim mertu ta' din il-kawza (Citaz. Numru 1221/01) tant li l-istess Qorti qalet li *"mhux kompitu ta' din il-Qorti f'dawn il-proceduri li tiddeciedi jekk jezistix il-ftehim allegat, u f'kaz affermattiv, x'inhuma l-effetti tieghu; kif inghad, dan huwa mertu ta' kawza ohra, u ghall fini ta' dawn il-proceduri* (taht l-**artikolu 402 tal-Kap 386)** *jkun bizzejjed jekk jirrizulta li prima facie jezisti l-ftehim fuqu r-rikorrenti qed jistriehu. Kif inghad minn din il-Qorti fis-sentenza preliminari taghha tat-12 ta' Dicembru 2002, l-artikolu 402 tal-Kap. 386 jaghti poter lill-Qorti taghti kull rimedju li jidhrilha li jkun opportun, "inkluz, allura, rimedju u ordnijiet temporanji li jservu biex jigi rispettat l-istatus qui sakemm tigi mistharrga kwistjoni jew sakemm tigi rizolta*

*sitwazzjoni ta' konflitt fi hdan il-kumpanija". Mid-decizjoni ta' din il-Qorti f'din il-kawza l-azzjoni gudizzjarja per se m'ghandhiex u mhux ser tigi pregudikata, u dan peress li d-determinazzjoni tal-istess talbiet tispetta biss lill dik il-Qorti li qed tisma' l-mertu tal-kawza u fl-ambitu tal-kawza dwar il-mertu".*

Illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell qablet ma' dan kollu tant li sostniet li l-proceduri li kienu qed isiru skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 402 tal-Kap. 386** u l-qofol tal-istess proceduri *"jiccentrax dwar l-ezistenza o meno tal-ftehim li r-rikorrenti jallegaw* <u>*li sar bejn l-ahwa Vella"*</u> (sottolinear ta' din il-Qorti in vista' ta' dak li inghad dwar l-partijiet f'din il-kawza u l-partijiet fl-istess allegat ftehim). *"L-ezistenza o meno tal-ftehim hija l-mertu tal-kawza l-ohra bic-citazzjoni numru 1221/01 li ghadha pendenti".* Fil-fatt inghad li f'tali procedura kull ma kellha taghmel il-Qorti kien li tkun sodisfatta li dak allegat mir-rikorrenti kien gie ppruvat fuq bazi ta' <u>*prima facie* bejn il-partijiet kontendenti</u>, u dan sabiex jibqa' preservat l-*istatus quo* sakemm tigi mistharrga l-kwistjoni.

Illi minn dan kollu jidher car li dik procedura saret biss sabiex tikkawtela l-pretensjonijiet tar-rikorrenti f'dik is-socjeta' sakemm tigi deciza din il-kawza u dan biss fil-kuntest tas-socjeta' Express Trailers Limited, u inghad b'mod mill-iktar car li d-determinazzjoni ta' l-ezistenza *o meno* tal-ftehim tispetta biss lill-Qorti li quddiemha giet imressqa l-kawza fil-mertu, li hija din il-Qorti, u f'din id-decizjoni hekk fil-fatt gara, fejn f'din il-kawza gie investit il-mertu tal-kwistjoni, anke fil-kuntest tal-partijiet fil-kawza odjerna, li huma differenti mill-partijiet fil-procedura li saret taht id-disposizzjonijiet imsemmija tal-**artikolu 402** li gew uzati bhala rimedju kawtelatorju ghall-dawk li kienu pretensjonijiet tal-istess rikorrenti. B'hekk u ghalhekk tali decizjoni bl-ebda mod ma tikkontrasta mad-decizjoni hawn moghtija, anzi l-istess decizjoni hadet hsieb li tippreserva l-*istatus quo* fis-socjeta' mertu ta' dawk il-proceduri, sakemm ikun hemm decizjoni fuq il-ftehim fil-mertu f'din il-kawza, u l-istess organi gudizzjarji qaghdu hafna attenti sabiex bl-ebda mod ma jigu pregudikati d-drittijiet ta' parti jew ohra, jew sabiex b'xi mod jinferixxu

fuq il-mertu ta’ din il-kawza. Aktar min hekk ma setax verament issir, b’dan li tohrog ukoll distinzjoni cara bejn proceduri taht l-**artikolu 402** (li kienu wkoll f’dik l-istanza ta’ natura kawtelatorja) u l-procedura odjerna fuq il-mertu.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu michuda bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa’ l-eccezzjonijiet tas-socjetajiet konvenuti biss in kwantu l-istess huma konsistenti ma’ dak hawn deciz, **tichad it-talbiet attrici** ghaliex huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------